Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 623 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Nikolai Sant

Vs

Jason Bugeja

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason Bugeja detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0223783 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Mejju 2012:

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna / i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 / 1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u

minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 / 1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat is-sentenza moghtija minnha fir-rigward tal-istess Jason Bugeja nhar l-4 ta' Novembru 2013, li permezz taghha din il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u l-proviso tal-Artikolu 22 (9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, sabitu hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qeghditu taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn u nofs minn dakinhar tal-istess sentenza, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni kellha tifforma parti integrali minn dik is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi, jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation* u in oltre illi a tenur tal-proviso tal-Artikolu 22 (9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jista' jibbenefika minn dan il-beneficcju moghti mil-ligi ghal darba biss.

Rat in-nota tal-*Principal Probation Officer* Miriam Sevasta tat-12 ta' Novembru 2013, li permezz taghha avzat lil din il-Qorti illi l-Ufficjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina giet nominata sabiex issegwi lil *Probationer* matul l-Ordni tal-*Probation*[1];

[1] A fol. 13 tal-process.

Rat ukoll ir-rikors tal-istess Ufficjal tal-*Probation*, ipprezentat minnha fir-Registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2016[2], li permezz tieghu ghamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u nformat lill-Qorti illi l-*Probationer* i) m' huwiex konsistenti fl-attendenza ghall-appuntamenti mal-Ufficjal tal-*Probation*; ii) skont testijiet tal-urina li saru gewwa l-Ufficju tal-*Probation* u l-*Parole* jirrizulta illi l-imsemmi ghadu jippersisti fl-uzu tad-droga kokaina; iii) huwa naqas milli jkun konsistenti fil-kuntatt ma' Agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tad-droga.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li tqis li gie ppruvat ghas-sodisfazzjon taghha illi l-*Probationer* naqas milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-*Probation* moghtija lilu minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 2013, qeghda titratta ma' Jason Bugeja dwar ir-reat li tieghu kienet instab hati permezz tal-istess sentenza taghha msemmija u li dwaru kien tqieghed taht l-Ordni tal-*Probation* imsemmija daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghall-istess reat u fil-waqt illi ghal kull buon fini tikkonferma tali htija, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i), il-proviso tal-Artikolu 22 (9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, tikkundanna lill-istess Jason Bugeja ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' erba' mija u sebghin Euro (€470) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas minnu b' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B' dan illi jekk huwa jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jason Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti bir-rispett, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza

[2] A fol. 16A tal-process.

appellata u tiddikjara l-imputat Jason Bugeja m' hux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih w kwindi tilliberah minn kull htija w piena skond il-Ligi

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti mis-segwenti w cioe:

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu.
2. Illi di piu u minghajr pregudizzju, l-fatt li l-imputat ma xhedx, m' ghandux jimmilita kontra l-istess imputat la hu utilizza d-dritt tieghu li ma jixhidtx.
3. Illi apparti mis-suespost, ezami tas-sentenza tikxef il-fatt li l-imputat ghandu problema li timmerita certa 'understanding' u m' hux id tal-hadid. Illi ferm facli li wiehed jikkummenta fuq persuna ohra w anki jiddetta x' ghandu jsir imma jkun skuzanti fil-kaz tieghu stess liema haga timmerita li tigi indikata. Illi wara kollox l-iskop li akkuzat jitqieghed taht Ordni ta' Probation turi l-iskop tieghu w cioe li l-imputat ikollu certi problemi li jimmerita trattament partikolari bhalma hu l-kaz odjern.
4. Illi allacjat mas-suespost, hu ghal kollox 'self defeating' li s-sitwazzjoni tal-imputat tigi ittrattata fuq appuntamenti u jekk jinqala xi nuqqas ikun kastig f' ambjent li jista' jkun il-boghod mir-rimedju veru, bhalma hu l-kaz odjern! Illi f' dan ir-rigward wiehed isaqsi x' jista' jiehu l-imputat jekk jintbaghat il-habs? Illi sitwazzjonijiet simili bhal dawn juru li hemm problema li tmur oltre 'ir-realm' tal-kriminalita liema soluzzjoni timmerita trattament ghaliha u partikolari.

5. Illi hu apprezzat li probation officer ghandha issegwi certa regolamenti imma fl-istess hin probation officer hu imharreg / a ghas-sitwazzjonijiet bhal dawn fejn konsegwenza ta' denunzja ma issolviex dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet li jimmeritaw trattament partikolari. Illi f' dan ir-rigward, dan il-principju tant importanti m' hux qed jigi moghti l-piz mehtieg liema haga ipprovolat in-necessitat ta' dan l-appell; anzi marret kontra l-ispirtu tal-appell, liema haga anki irrizultat mill-komportament ta' l-istess probation officer fejn b' certa 'smugness' qisu dahlet f' attitudini ta' wahda li ser taghmel minn kollox biex tghaddi taghha. Illi din timmerita li tigi indikata ghax fil-fatt l-imputat kemm il-darba kien indika illi probation officer li ma setax jattendi liema kortesija ma gietx rispettata; anzi l-imputat gie penalizzat liema sitwazzjoni timmerita li tigi indikata w a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi bil-mod kif xehdet, l-imputat jista' jigi kundannat iservi terminu ta' habs effettiv, meta l-perijodu in kwistjoni jkun ferm utili jekk jkun jista' jitiob ghajnuna ghas-sitwazzjoni li jinstab fiha.
6. Illi, pero, irrizulta mix-xhieda li anki l-istess 'probationary officer' naqset hi stess fl-appuntamenti liema nuqqas harbtet is-sitwazzjoni tal-imputat liema haga m' hux qed tittiehed inkonsiderazzjoni w dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.
7. Illi fl-ahhar mill-ahhar l-imputat qed jirrizerva d-dritt li jissolleva argumenti oltre dawk indikati f' dan ir-rikors u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2017 fejn l-Avukat Generali issolleva l-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan billi l-appellanti talab kemm it-tibil kif ukoll it-thassir tad-decizjoni appellata fl-istess waqt.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell billi it-talba hija wahda kemm ghat-tibdil kif ukoll ghat-thassir tad-decizjoni impunjata.

Illi t-talba giet hekk redatta *verbatim* mill-appellanti:
"**Ghaldaqstant**, in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba bir-rispett joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tirrevoka** s-sentenza appellata u **tiddikjara** l-imputat Jason Bugeja mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kwindi **tilliberah** minn kull htija w piena skond il-ligi."

Illi ma hemmx dubbju illi minn qari tat-talba kif redatta, din hija ghal kollox kontradittorja u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Illi ibda biex il-proceduri odjerni kienu jitrattaw denunzja li saret minn Ufficjal tal-Probation u dan minhbba li l-appellanti ma kienx qieghed josserva il-kundizzjonijiet imposti fuqu f'Ordni ta' Probation imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-04 ta' Novembru 2013, liema procedura giet inizjata mill-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwi lill-appellanti fit-termini ta'l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa minn qari tad-decizjoni impunjata ghandu johrog illi l-Ewwel Qorti qieset illi l-appellanti denunzjat ma kienx osserva il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u ittrattat mieghu fit-termini tas-sub-inciz 2 ta'l-artikolu 21 daqslikieku kien ghadu kemm gie misjub hati ghar-reat lilu addebitat, sabitu hati ta'l-istess u ikkundannatu ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' €470.

Illi l-aggravvji imressqa 'il quddiem mill-appellanti kollha jikkoncernaw mhux daqstant il-htija o meno tar-reat lilu addebitat, izda il-fatt illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tghaddi biex titratta mieghu ghal dak ir-reat izda messha, fil-fehma ta'l-appellanti wriet iktar hniena fil-konfront tieghu. Dan ifisser allura illi anke it-talba kif impustata lanqas hija cara ghaliex minn qari ta'l-aggravvji ma jidhirx illi dak li qed jitlob l-appellanti huwa li jigi illiberat mill-

htija, kif fil-fatt hemm mitlub, ghax l-akkuzi kienu *a tempo vergine* gew ammessi minnu fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti u ma kenux ikkontestati.

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Galea [ 30.6.1995] ( Per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li:-

**"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :- (a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - ("The Police vs. John Hill", Criminal Appeal, [23.9.1972] (b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti, anki jekk jintalab biss it-thassir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null."[3]**

[3] ("Pul.vs. Anthony Zammit" ( [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940); "Pul. vs. Richard Vincenti Kind" , App. Krim. [16.9.72]; "Pul. vs. Carmelo Agius" , App. Krim. [4.10.1972]. Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "La Polizia vs. Ernesto Laiviera", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "La Polizia vs Carmelo Carabott et." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar , App.Krim. [23.1.1971]; Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. App. Krim. [11.11.1976] ; Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna , App. Krim.[ 1.9.1977]; Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et ,[ 26.4.1985]; Pulizija vs. Anthony Zammit [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. [16.9.1972] ; Pulizija vs. Carmelo Agius App. Krim. [14.10.1972]; Pulizija vs. Emmanuel Bonnici , App. Krim. [5.10.1990]; Pulizija vs. Joseph Desira [18.3.1972] ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg , [18.3.1972]; u Pulizija vs. John Vella Chritien App. Krim. [6. 5. 1972] u Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia [13.2.2001].

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandu jirrizulta illi fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma tad-decizjoni impunjata. Issa kif inghad ir-rikors ta'l-appell ma jipprezentax stampa cara ta' dak li qed jigi mitlub mill-appellanti billi kif inghad din id-decizjoni tal-Ewwel Qorti titiehdet in segwitu ghal denunzja maghmula fit-termini ta'l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi il-htija ta'l-appellanti ghar-reat lilu addebitat ma jidhirx illi qed tigi ikkontestata, izda x'aktarx illi l-appellanti kien qed joggezzjona ghal mod kif ittrattat mieghu l-Ewwel Qorti. Madanakollu la r-rikors ta'l-appell fil-korp tieghu u lanqas it-talba kif impustata li kif inghad hija kontradittorja ma tixhet wisq dawl ghar-rigward ta' dak li qed tigi mitluba taghmel din il-Qorti, b'talba kemm ghal riforma kif ukoll ghal revoka, kif ukoll talba ghal liberatorja meta din ma tistax tirrizulta fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-appellanti ghall-akkuza tat-traffikar. Talba allura li evidentement ma tottemperax ruhha mar-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 419, hawn fuq iccitata taht piena ta' nullita'. Illi sahansitra il-Qorti Kostituzzjonali[4] sahhqet fuq l-importanza li jigu osservati r-rekwiziti mehtiega ghal validita tar-rikors ta'l-appell, in-nuqqas ta' liema rekwiziti jimporta n-nullita ta'l-istess u ma jista' qatt iwassal ghal xi lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata.

**"Anqas ma jista' jkun hemm dubju li l-Artikolu 419(1), meta jimponi certi rekwiziti li, jekk ma jigux osservati, jimportaw in-nullita` tar-rikors ta' appell, ghandu ghan legittimu u proporzjonat. Infatti fil-kaz ta' Gauci (26/5/2006) din il-Qorti kienet ghamlitha cara li: "...l-Artikolu 419, jirreferi biss ghall-"indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji", li fin-nuqqas taghhom l-att ma jigix null bhalma jkun il-kaz jekk ikun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta' l-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja." (emfazi mizjuda)"**

[4] Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali deciza Q.K. 09/03/2010

**Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant. Huwa minnu wkoll li l-gurisprudenza rriteniet (din il-Qorti tifhem li rriteniet hekk b'mod logiku hafna) li meta l-appellant kellu jitlob ir-riforma izda minflok jitlob ir-revoka, allura ma jkunx gie osservat ir-rekwizit tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Art. 419(1), b'mod li dan igib in-nullita` tar-rikors ta' l-appell. Apparti minn hekk, din il-gurisprudenza tmur lura ghexieren ta' snin, mill-anqas sal-1930 – ara s-sentenzi msemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' April 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur N. Ciappara) v. Joseph John Agius – b'mod ghalhekk li, kif tajjeb qalet il-Prim Awla fis-sentenza appellata, din il-gurisprudenza hija ben nota u maghrufa minn kull min jipprattika quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u ghalhekk mhux il-kaz ta' xi sorpriza jew nuqqas ta' pubblicita` li tista' taghti lok ghal**

**ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew 39(1) tal-Kostituzzjoni. U l-fatt li l-Qorti tqajjem hi – ex officio – tali nullita` b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jwassal ghal lezjoni tal-imsemmija artikoli."**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali. Konsegwentment tghaddi biex tiddikjara r-rikors ta'l-appell null u bla effett skont il-ligi u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(FT)Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur